**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 240/2022MD**

**RMB Management Limited (C53359)**

**Vs**

**Barbuto Manufacturing Limited (C93080)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-11 ta' Awissu, 2022[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tħallas is-somma ta' elf, mija u tmenin Ewro (€1,180.00) rappreżentanti servizzi mogħtija mis-soċjeta' attriċi fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta kif miftiehma f'ittra ta' ingaġġ; bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ra li fis-26 ta' Settembru, 2023[2] l-avukati difensuri tal-partijiet nfurmaw lit-Tribunal li sar ftehim verbali li s-soċjeta' konvenuta kienet ser tibda tgħaddi pagamenti minn dak ix-xahar.

Ra li fit-12 ta' Marzu, 2024[3] l-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi nfurmat lit-Tribunal li kienu saru erba' (4) pagamenti ta' mitejn Ewro (€200) kull darba mis-soċjeta' konvenuta.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 32 tal-proċess
[3] A fol 34 tal-proċess

Sema lil **Reuben Buttigieg** li ddikjara li t-talba kienet ta' elf, mija u tmenin Ewro (€1,180.00), fejn matul l-aħħar xhur saru pagamenti li jammontaw għas-somma ta' elf Ewro (€1,000) u fadal titħallas s-somma ta' mija u tmenin Ewro (€180)[4].

Ra d-dokumenti ppreżentati mal-Avviż tat-Talba[5].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidra li s-soċjeta' konvenuta ħallset is-somma ta' elf Ewro (€1,000) u fadal is-somma ta' mija u tmenin Ewro (€180) li għadha dovuta hekk kif ġie konfermat minn Reuben Buttigieg.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi limitatament fis-somma ta' mija u tmenin Ewro (€180) u jordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u tmenin Ewro (€180), bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mis-soċjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] A fol 41 et seq tal-proċess, xhieda datata 26 ta' Settembru, 2024
[5] A fol 4 et seq tal-proċess